



Brussell, 21 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12231/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0413(COD)**

CODEC 1481
UD 206
ECOFIN 828
CRIMORG 123
DROIPEN 131
EF 238
ENFOCUSTOM 186

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli fir-rigward tal-flus deġlin jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-22 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ msemija hawn fuq, ibbażata fuq l-Artikoli 33 u 114 TFUE.
2. Fit-12 ta' Settembru 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' Lulju 2017³.

¹ 15819/16.

² 11508/18

³ ĠU C 246, 28.7.2017, p. 22.

4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill
 - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 49/18, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
 - jordna li d-dikjarazzjoni fl-Addendum 1 għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
